# Pitturi Marouflage ġewwa n-Nadur, Għawdex

Pitturi hekk msejħa *marouflage* jikkonsistu f'tila mpinġija li tiġi mwaħħla ma' strutturi arkittettoniċi bħal ħitan, soqfa u koppli. Din it-teknika ta' tpinġija ġiet intużata minn diversi artisti Maltin u anke barranin, sabiex jiddekoraw bosta knejjes ġewwa Malta u Għawdex. Fost dawn il-knejjes insibu il-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl u l-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, it-tnejn fin-Nadur, Għawdex.

Il-pitturi *marouflage* ġewwa l-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur ġew impinġija mill-pittur Lazzaro Pisani (1854-1932) u aktarx li kien l-istess Pisani li ntroduċa din it-teknika ġewwa l-gżejjer tagħna. L-introduzzjoni tal-*marouflage* ġiet anke attribwità lill-pittur Ramiro Raffaele Cali (1881-1945), u kif ukoll lil Giuseppe Cali (1846-1930). Madankollu Pisani beda jiddekora l-Kolleġġjata tan-Nadur fl-1915, jiġifieri erba' snin qabel ma' Raffaele Cali ġie kkummisjonat jiddekora l-knisja ta' San Gejtanu l-Ħamrun b'din l-istess teknika (dan skond dokument fis Suppliki Vol.1 74/1919 fl-



*Żewġ panewwijiet kbar f'waħda mill-apside qabel ma' twaħħlu f'posthom*



*Erbgħa panewwijiet madwar il-kwadru ta' San Pawl fit-tielet sema*

arkivji tal-Kurja ta' l-Arċisqof). Min-naħa l-oħra, għalkemm Rafel Bonnici Cali jindika, (f' '*G. Calì Centenary Exhibition 1846-1946*' (1947)), li zijuh Giuseppe Cali esperimenta b'din it-teknika wkoll, l-eqdem pitturi *marouflage* li nafu bihom ġewwa l-gżejjer tagħna jirriżulta li huma dawk tal-Kolleġġjata tan-Nadur.

Pisani esegwixxa dan il-kapolavur billi l-ewwel pinġa fuq 390 metru kwadru ta' tila fl-istudju tiegħu l-belt Valletta, imbagħad waħħal din it-tila mpinġija b'kolla organika. Il-kolla li ntużat sabiex twaħħlet il-pittura mas-saqaf kollu inkluż il-koppla, koppletti u ħnejjiet, kienet tikkonsisti minn taħlita ta' dqiq u kolla tal-annimali magħmula minn ġlud u partijiet oħra tal-annimali. B'hekk b'din it-teknika tal-*marouflage*, għall-oppost ta' tekniki oħrajn ta' pittura fuq il-ħajt, Pisani seta' jpinġi bil-kumdità kollha fl-istudju tiegħu mingħajr ma kellu għalfejn

jitla' u jinżel armar (*scaffolding*) u jivjaġġa ta' spiss. Vantaġġ ieħor li toffri din it-teknika fuq pitturi eżegwiti direttamment fuq il-ġebla, huwa li t-tila mwaħħla toffri aktar protezzjoni kontra d-deterjorazzjoni tal-ġebla u l-konsegwenzi li din jista' jkollha fuq is-saff pittoriku.


*Erbgħa mis-santi padri qabel ma tpoġġew f'posthom madwar it-twieqi*

Ta' kurżita u nteress huwa wkoll kif Pisani f'dokument li kiteb huwa stess dwar il-pittura tiegħu ġewwa n-Nadur jirreferi għal dan ix-xogħol bħala *encausto*. Iżda *encausto* hija teknika differenti għal kollox fejn il-kulur pur, mitħun jiġi mħallat ma' xama' mdewba tan-naħal. Għaldaqstant dan jissuġerixxi li Pisani seta' għamel użu mix-xama' mat-taħlita tal-kulur iżda dan huwa suġġett għal aktar stħarriġ xjentifiku.

Aktar pitturi *marouflage* ġewwa n-Nadur Għawdex jinsabu jiddekoraw il-koppla u s-saqaf kollu tal-knisja tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Dan ix-xogħol huwa tal-artist Ġużeppi Briffa (1901-1987) u ġie mqiegħed fis-sena 1954.

Briffa, bħal Pisani, wkoll approfitta mill-vantaġġi li ġġib magħha din it-teknika u ħadem fil-kumdià tal-istudju tiegħu. Huwa kien ipinġi fuq xoqqa li kien jipprepara hu stess b'taħlita li kienet tinkludi żejt u bjankett. Iżda filwaqt li Pisani kien juża l-kolla organika biex iwaħħal, Briffa għat-twaħħil tal-pittura tiegħu fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, ipprefera juża taħlita ta' bjankett. Din it-taħlita, kif jirrakonta t-tifel ta' Ġużeppi, kienet tikkonsisti fi bjankett (li l-bażi tiegħu huwa ċ-ċomb), żejt tal-kittien u ġibs Ingliż. Briffa għażel li juża din it-teknika, minflok ipinġi direttament fuq il-ħajt, l-aktar minħabba l-fatt li din toffrilek aktar protezzjoni kontra d-deterjorazzjoni tal-ġebla li tiġi kkawżata minħabba l-preżenza ta' ilma u melħ fil-pori tal-ġebla. Għaldaqstant anke jekk it-tila tinqala' minn mal-ġebla kawża ta' deterjorazzjoni, bit-teknika tal-*marouflage* hemm aktar ċans li ssalva s-saff pittoriku minħabba li jkun hemm it-tila qiegħda tifirdu minn mal-ġebla.

Iżda għalkemm bosta artisti Maltin esperimentaw u wżaw din it-teknika sabiex il-pitturi tagħhom jiġu ppriservati aktar fit-tul, huwa ta' mportanza kbira li wieħed jirrealizza li anke t-tila li tkun imwaħħla fuq il-ħajt hija suxxettibli għall-ħsarat. Infatti bosta pitturi *marouflage*, fostom anke l-pitturi ta' Pisani ġewwa l- Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl, u ta' Briffa ġewwa l-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, tul iż-żmien ġarrbu ħsarat minħabba l-preżenza ta' umdità u infiltrazzjoni ta' ilma. Il-kaġun tal-qerda ta' din it-tip ta' pittura hu proprju n-nuqqas ta' manutenzzjoni tal-bjut tal-knejjes. L-ilma tax-xita jidħol minn xquq u fili miftuħin u jivjaġġa ġol-pori tal-ġebla Maltija sakemm jilħaq il-pitturi. L-infiltrazzjoni tal-ilma mhux biss tfarrak il-ġebla li fuqha tkun imwaħħla t-tila, iżda taffetwa ukoll il-kolla, speċjalment jekk din tkun organika, u ddgħajjef it-tila u b'konsegwenza s-saff pittoriku.

Għalhekk huwa mportantissimu li nieħdu ħsieb u nagħmlu manutenzzjoni regolari anke' tal-istruttura li fuqha jserrħu dawn il-pitturi sabiex nippriservaw din il-parti mportanti tal-wirt kulturali tagħna l-Maltin u l-Għawdxin għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Amy Sciberras
B.Cons. (Hons)

*Referenzi:*

Sciberras, Amy 2009
*Marouflage Paintings in Malta: A Study with reference to Maltese and Gozitan Churches*, University of Malta (unpublished thesis)